**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta’ Ottubru 2015 (Każ R 1233/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali FERLI bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *EK/servicegroup eG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 78, 28.2.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Novembru 2016 – K&K Group vs EUIPO – Pret A Manger (Europe) (Pret A Diner)**

**(Kawża T-2/16)** ([1])

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva Pret A Diner — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti PRET A MANGER — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti PRET — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”]***

(2017/C 022/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* K&K Group AG (Cham, l-Isvizzera) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Pret A Manger (Europe) Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Edenborough, QC)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta’ Ottubru 2015 (Każ R 2825/2014-5), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Pret A Manger (Europe) u K&K Group.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *K&K Group AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 78, 29.2.2016.